# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Marzu, 2025.**

**Numru 1**

**Rikors numru 117/2008/3 MV**

**Dr. Mark Chetcuti prokuratur tal-assenti Raymond Grima u b'digriet tat-18 ta' Mejju, 2011 l-atti ġew trasfużi f'isem Dr. Alex Perici Calascione u b'nota tad-9 ta' Ottubru, 2013 Dr Christian Grima assuma l-atti tal-kawża għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Raymond Grima minflok l-Avukat Alex Perici Calascione u permezz tal-prokura tat-13 ta' Frar, 2017, Clemence Spiteri inħatret prokuratur tal-istess Raymond Grima**

**v.**

**Virginia Grima**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuta Virginia Grima minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

(Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali), nhar it-12 ta' Ottubru, 2023, li biha laqgħet it-talbiet attriċi, iddikjarat li l-assi ereditarji tal-mejjet Joseph Grima jikkonsistu f'nofs l-assi konjuġali eżistenti bejnu u l-konvenuta u dan sat-28 ta' Novembru, 2000 inkluż il-beni u s-somom kollha mgħoddija lill-konvenuta taħt kwalunkwe pretest u ħatret lil Massimo Borg bħala Perit komputist. L-Ewwel Qorti ħatret lill-istess komputist sabiex jillikwida l-assi u jassenjahom f'żewġ porzjonijiet indaqs, suġġett għall-użu u l-użufrutt tal-konvenuta fuq il-parti li tiġi assenjata lill-attur. Bl-ispejjeż jinġarru mill-konvenuta.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-28 ta' Novembru, 2008 l-attur *nomine* fisser li Raymond Grima huwa bin il-mejjet Joseph Grima li ħalla din id-dinja fl-24 ta' Diċembru, 2002.

3. Jgħid li l-konvenuta hija t-tieni mara ta' Joseph Grima u li huma żżewġu nhar il-21 ta' Novembru, 1998. Dan Joseph Grima miet testat. Skont it-testment tiegħu tat-12 ta' Marzu, 2001 fl-atti tan-Nutar Michael Refalo, huwa ħalla lil ibnu l-attur bħala eredi universali tal-assi tiegħu mobbli u immobbli f'Malta, filwaqt li ħalla lil martu (il-konvenuta) l-użu u l-użufrutt għal matul ħajjitha tal-istess proprjetà.

4. Jissokta jgħid li fit-28 ta’ Novembru, 2000 ġie ppubblikat kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo, li permezz tiegħu l-miżżewġin Joseph u Virginia Grima eskludew il-komunjoni tal-akkwisti b’effett minn dakinhar, mingħajr ħsara għall-akkwisti magħmula u debiti assunti sa dik l-istess data.

5. L-attur jgħid li matul iż-żwieġ intużaw assi likwidi parafernali u tal-komunjoni ta’ Joseph Grima sabiex dawn jiġu depożitati f’kontijiet f’isem Virginia Grima jew terzi, jew saħansitra ntużaw biex tinxtara proprjetà immobiljari f’isem il-konvenuta.

6. Jissokta jgħid li huwa m’għandu f’idejh ebda parti mill-wirt ta’ missieru, ħlief għal xi porzjonijiet indiviżi żgħar ħafna minn proprjetà immobiljari miżmuma b’mod komuni ma’ persuni oħra. Ifisser li huwa sejjaħ għalxejn lill-konvenuta sabiex tagħti rendikont ta’ dak kollu li kellu Joseph Grima u li għandha jew kellha taħt il-kontroll tagħha jew ta’ terzi, anzi hija teskludi li Joseph Grima kellu xi assi.

7. Kien għalhekk li l-attur *nomine* fetaħ din il-kawża u talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. tillikwida, jekk meħtieġ bl-opra ta’ perit maħtur minnha, l-assi ereditarji tal-imsemmi Joseph Grima billi jiġi dikjarat li jikkonsisti f’nofs l-assi konjugali eżistenti bejnu u l-intimata Virginia Grima u dan sat-28 ta’ Novembru 2000, fejn ġiet eskluża l-komunjoni, inkluż ukoll dawk il-beni jew somom kollha li jistgħu jirriżultaw bħala mgħoddija lil Virginia Grima taħt kwalsiasi protest u għal kwalsiasi raġuni;*

*2. tillikwida jekk meħtieġ bl-opra ta' perit maħtur minnha, l-assi ereditarji parafernali tal-imsemmi Joseph Grima inkluż dawk il-beni jew somom kollha li jirriżultaw li ġew mgħoddija lil Virginia Grima taħt kwalsiasi raġuni;*

*3. taqsam l-assi ereditarji tal-komunjoni hekk likwidati f'żewġ porzjonijiet ugwali u tassenja l-istess porzjonijiet hekk maqsuma bejn l-istess kontendenti, soġġett għad-dritt ta' użu u użufrutt tal-intimata fuq il-parti spettanti lir-rikorrenti;*

*4. tassenja l-assi ereditarji parafernali ta' Joseph Grima hekk likwidati lir-rikorrenti soġġett għad-dritt ta' użu u użufrutt tal-intimata fuq il-parti spettanti lir-rikorrent.»*

8. Il-konvenuta ressqet ir-risposta maħlufa tagħha fis-6 ta' Marzu, 2009 u wieġbet hekk:

*«A.Dwar il-fatti:*

*1. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi ma humiex kontestati;*
*2. Illi l-fatti dikjarati fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi ma humiex kontestati;*
*3. Illi l-fatti dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi ma humiex kontestati;*
*4. Illi l-fatti dikjarati fir-raba' paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi ma humiex kontestati;*

*5. Illi l-fatti dikjarati fil-ħames paragrafu attriċi huma kontestati kemm minħabba l-fatt dan huwa kontradett mill-att li biha l-partijiet tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll għaliex l-eċċipjenti ma wżatx flejjes tal-komunjoni għall-akkwist minnha tal-proprjetà immobiljari tagħha iżda wżat biss il-fondi tagħha.*

*6. Illi dwar il-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu attriċi l-eċċipjenti ma tistax tikkummenta fuq dan ħlief għal dak li jirrigwarda l-proprjetà li d-de cuius kellu f'Malta. Fil-fatt f'Malta Joseph Grima ma kellu xejn ħlief affarijiet żgħar (effetti personali) u dawn kollha ġew offruti lill-attur.*

*7. Illi l-intimata tat rendikont ta' dak kollu li kellha f'idejha u li kien jappartjeni lil Joseph Grima iżda ma tistax tagħti rendikont ta' dak li talvolta seta tpoġġa minn Joseph Grima f'idejn terzi. Illi l-fatti dikjarati fis-seba' paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi huma kontestati ħlief fejn jingħad li "hi teskludi li Joseph Grima kellu xi assi, liema dikjarazzjoni ġiet kwalifikata kif jingħad f'din id-dikjarazzjoni.*
*B. Eċċezzjonijiet*

*1. Illi, inkwantu li qiegħed jitlob rendikont tal-amministrazzjoni tal-assi parafernali (meħtieġa għal-likwidazzjoni tal-istess assi) tad-de cuius l-attur jiddifetta mill-interess rikjest mil-liġi fl-azzjoni minnu proposta;*

*2. Illi l-attur ma għandu l-ebda dritt li jitlob rendikont tal-assi li d-de cuius ħa meta saret is-separazzjoni inkwantu li fl-att konċernat hemm dikjarazzjoni li kull akkwist li saret f'isem xi parti tappartjeni lil dik il-parti. Meta ppubblikaw dan l-att il-partijiet impliċitament eżentaw lil xulxin mill-obbligu li jagħtu rendikont u għalhekk stipulaw li ma kienux qeghdin jillikwidaw il-komunità (recte: il-komunjoni) tal-akkwisti bejniethom. L-effetti legali ta' dak li għamel Joseph Grima jitkomplew fil-persuna tal-werriet tiegħu. Kif Joseph Grima ma setgħax jitlob rendikont wara li ppubblika l-att lanqas ma jista' jagħmel dan il-werriet tiegħu;*

*3. Illi, kompletament bla preġudizzju għas-suespost, u fi kwalsiasi każ effettivament il-partijiet qassmu kull ma kellhom b'dan li kull parti ħadet sehemha li*[1] *fi kwalsiasi każ, ma huwiex permissibbli li jintalab rendikont ta' oġġetti miżmuma in komuni wara li dawn l-istess oġġetti ikunu nqasmu bejn il-partijiet;*

*4. Illi kompletament bla preġudizzju għas-suespost, u fi kwalsiasi każ, għal dak li jirrigwarda t-talbiet konċernanti l-assi ereditarji f'Malta tad-decujus Joseph Grima, l-eċċipjenti tat rendikont sħiħ tal-beni parafernali tad-de cuius li kienu fil-pussess tagħha u offriethom lill-attur. Di fatti, dawn l-assi kienu jikkonsistu unikament f'xi effetti personali u xi oġġetti mobbli li l-esponenti ġa ppruvat trodd lill-attur li iżda irrifjuta li jaċċettahom mingħajr raġuni valida.*

*5. Illi bla preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit li l-attur ma għandu l-ebda interess jew jedd li jissindika l-att li bih il-mittenti xtrat proprjetà immobbli, liema akkwist sar bl-għarfien sħiħ tal-predeċessur fit-titolu tal-attur.*

*6. Illi bla preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit l-eċċipjenti ma wżatx assi parafernali tal-attur u/jew assi tal-komunità eżistenti sa Novembru 2008 ħlief għall-iskopijiet permessi mill-Kodiċi Ċivili.*

*7. Illi l-eċċezzjonijiet kollha mogħtija huma indipendenti minn xulxin u kull waħda*[2] *qiegħda tingħata espressament bla preġudizzju għall-oħrajn;*

*8. Illi t-talbiet attriċi huma kompletament infondati fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur;*

*9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.»*

---

[1] Errata corrige
[2] Errata corrige

9. B'sentenza mogħtija fit-12 ta' Ottubru, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

*«1.Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-assi ereditarji tad-defunt Joseph Grima jikkonsistu f'nofs l-assi konjugali eżistenti bejnu u l-intimata Virginia Grima u dan sat-28 ta' Novembru 2000 inkluż il-beni u somom kollha mgħoddija lill-intimata taħt kwalunkwe pretest u/jew raġuni u taħtar sabiex jillikwida l-istess lill-komputist Massimo Borg; u*

*2. Tilqa' t-tieni talba u taħtar lill-istess komputist Massimo Borg sabiex jillikwida l-assi ereditarji parafernali tad-defunt Joseph Grima inkluż il-beni u somom kollha mgħoddija lill-intimata taħt kwalunkwe pretest u/jew raġuni; u*

*3. Tilqa' t-tielet talba u taħtar lill-istess komputist Massimo Borg sabiex jaqsam l-assi ereditarji tal-komunjoni f'żewġ porzjonijiet ugwali u tassenja l-istess porzjonijiet hekk maqsuma bejn l-istess kontendenti, suġġett għall-użu u l-użufrutt tal-intimata fuq il-parti li tiġi assenjata lill-rikorrent; u*

*4. Tilqa' r-raba talba u taħtar lill-istess komputist Massimo Borg sabiex jaqsam l-assi ereditarji parafernali tad-defunt Joseph Grima f'żewġ porzjonijiet ugwali u tassenja l-istess porzjonijiet hekk maqsuma bejn l-istess kontendenti, suġġett għall-użu u l-użufrutt tal-intimata fuq il-parti li tiġi assenjata lir-rikorrent.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura kontra l-intimata.»*

10. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tasal għal din id-deċiżjoni kienu s-segwenti:

*«**Ikkunsidrat:***

***Il-Fatti fil-Qosor***

*Illi din il-kawża titratta dwar il-komunjoni tal-akkwisti bejn id-defunt Joseph Grima u t-tieni mara tiegħu Virginia Grima. Ir-rikorrent jgħid li missieru kellu ħafna ġid u li huwa għadda kollox lit-tieni mara tiegħu u wara ffirma wkoll kuntratt fejn twaqqfet il-komunjoni tal-akkwisti.*

*L-intimata tgħid li d-defunt ma kien baqagħlu xejn. Tgħid li hija akkwistat b'dak li kisbet qabel iż-żwieġ u li d-defunt kien xellerat, jonfoq u jberbaq*

***It-Talbiet u l-Eċċezzjonijiet fil-Qosor***

*Illi f'din il-kawża, ir-rikorrent qiegħed jitlob li tiġi likwidata u maqsuma bejn il-partijiet l-assi ereditarja ta' missieru li tikkonsisti f'nofs l-assi konjugali eżistenti bejnu u l-intimata Virginia Grima sat-28 ta' Novembru 2000 meta permezz ta' kuntratt ġiet eskluża l-komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll l-assi parafernali tiegħu.*

*L-intimata teċċepixxi n-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrent stante l-kuntratt tat-twaqqif tal-komunjoni tal-akkwisti, u konsegwentement tkompli teċċepixxi li t-talbiet tal-attur ma jistgħux jiġu milqugħa għaliex huwa jidħol fiż-żarbun ta' missieru. Ladarba missieru waqqaf il-komunjoni tal-akkwisti allura l-werrieta tiegħu m'għandhom jedd jitolbu l-ebda rendikont fuq l-istess.*

***Ikkunsidrat:***

*Illi l-Qorti tqis illi dak li jħoll u jorbot f'din il-kwistjoni huwa l-ewwel u qabel kollox il-kuntratt tat-twaqqif tal-komunjoni tal-akkwisti. Dan għaliex fil-fehma tal-Qorti, minn hemmhekk jiddependi jekk ir-rikorrent għandux l-interess ġuridiku li trid il-liġi sabiex jistitwixxi kawża bħal din.*

*Illi l-Qorti fliet fit-tul ix-xhieda kollha mogħtija, partikolarment ix-xhieda mogħtija f'diversi istanzi mill-intimata, kemm meta ttellgħet tixhed in subizzjoni, kemm meta xehdet hi fl-istadju tal-provi tagħha, kemm l-affidavit imressaq minnha, u kemm il-kontroeżami tagħha, liema huma kollha fit-tul u voluminużi.*

*Illi din il-Qorti għażlet illi ma tagħmilx sommarju tal-istess, għajr għax-xhieda mogħtija in subizzjoni, dan kif għamlet fir-rigward tax-xhieda l-oħra u dan din il-Qorti għamlitu għaliex tqis illi fid-dawl tax-xhieda mogħtija wieħed għandu jara t-traskrizzjonijiet relattivi in toto sabiex jasal għall-konklużjoni ġusta.*

*Illi din il-Qorti fliet ukoll bir-reqqa d-dokumenti kollha mressqa, liema wkoll huma numerużi.*

*Illi minn analiżi u evalwazzjoni tal-istess, jirriżulta ċar illi l-intimata ma hija xejn koerenti f'dak li tixhed. L-ewwel tgħid ħaġa u ftit wara meta d-domandi jkunu aktar sekkanti, tgħid oħra, jew tgħid li ma tiftakarx, jew tgħid li għandha d-dokumenti, tagħti verżjoni u meta terġa' tixhed ma tikkonfermahiex, iżda tnaqqas biċċa jew iżżid biċċa oħra ma' dak li tkun qalet qabel.*

*Hija tgħid illi hija kellha diversi investimenti u li d-defunt ma kellux. Meta però tiġi rinfaċċjata b'domandi speċifiċi fuq investimenti speċifiċi hija taċċetta li fil-fatt id-defunt kellu investimenti iżda meta ġew lura Malta ma kien fadallu xejn. Dan ma jagħmilx sens aktar u aktar fid-dawl tal-fatt illi mistoqsija x'għamel bihom hija sempliċement tgħid li nefaqhom mingħajr ebda spjegazzjoni f'hiex meta u kif. Meta wieħed jikkunsidra li hawn si tratta minn eluf, wieħed ma jistax jieħu tali xhieda b'mod leġġer.*

*Lanqas ma jagħmel sens dak li ddikjarat l-intimata li l-kontijiet li nfetħu hawn Malta fuq isem it-tnejn kienu flus tagħha u hi sempliċement poġġiet isem id-defunt biex il-kont ikun joint. Dan meta hija tixhed li kienet taħdem f'pożizzjonijiet maniġerjali u għalhekk anke minħabba x-xogħol tagħha żgur li kienet taf ben tajjeb li l-kont joint ifisser li d-dritt għalih huwa tat-tnejn. Konsegwentement din il-Qorti tqis illi ma tistax toqgħod fuq dawn ir-raġunijiet mogħtija mill-intimata. Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li persuna bħall-intimata, bid-diversi pożizzjonijiet ta' xogħol li hija spjegat li kienet tagħmel fl-esteru, żgur li kienet kapaċi tieħu ħsieb l-interessi tagħha, u li kieku kien minnu li d-defunt ma kellu xejn minn dawk il-flejjes hija ma kinitx ser toqgħod biex dawn jitpoġġew f'kontijiet joint.*

*Dan l-animu tal-intimata joħroġ ċar mix-xhieda tagħha, mill-mod kif xehdet kif jirriżulta fit-traskrizzjonijiet relattivi.*

*Il-Qorti tqis għalhekk illi xhieda bħal din, inkongruwenti u inkoerenti għall-aħħar m'għandhiex mis-sewwa u mhux ta' min joqgħod fuqha.*

*In vista ta' dan din il-Qorti hija tal-fehma li l-kuntratt tat-twaqqif tal-komunjoni tal-akkwisti huwa wieħed fażull u simulat u għandha dubji kbar ta' kemm id-defunt fl-età tiegħu seta' fehem il-konsegwenzi u l-import tal-istess.*

*Għaldaqstant, il-Qorti filwaqt illi tiddikjara li l-imsemmi kuntratt tat-twaqqif tal-komunjoni tal-akkwisti huwa simulat, in vista tal-ġurisprudenza kwotata tqis illi allura r-rikorrent għandu l-interess ġuridiku li trid il-liġi sabiex jistitwixxi kawża bħal din u konsegwentament tiċħad l-eċċezzjoni tal-intimata f'dan ir-rigward.*

***Ikkunsidrat:***

*Illi in vista għalhekk li l-Qorti tqis li tali kuntratt fil-fatt sar sabiex l-intimata jkollha fuqhiex taqa' u tipproteġi lilha nnfisha sabiex iżżomm għaliha biss il-patrimonju tad-defunt, u sserraħ moħħha li ħadd mhu se joħdilha xejn minn dak li ġustament kien jappartjeni lid-defunt, il-Qorti għandha tilqa' t-talbiet, stante illi ladarba dak il-kuntratt huwa simulat, allura ma jeżistix u jidħol in vigore dak li tipprovdi l-liġi.*

***Ikkunsidrat:***

*Illi fir-rigward tal-kuntratt dwar ix-xiri tal-fond matrimonjali li sar fl-istess data li sar il-kuntratt dwar it-twaqqif tal-komunjoni tal-akkwisti, u hawnhekk ukoll il-Qorti tqis illi għandha tirrimarka li għandha d-dubji kbar tagħha dwar kemm id-defunt fil-fatt kien jaf x'qed jiġri u li huwa ma kien ser ikollu xejn minn tali fond, minkejja illi huwa wkoll ċar li dan il-fond tħallas ukoll biex ma jingħadx esklussivament minn fondi tad-defunt.*

> *Illi l-rikorrent ma għamel l-ebda talba fir-rigward ta' dan il-kuntratt u għalhekk din il-Qorti qegħda tastjeni milli tiddikjara dwar l-imsemmi fond u l-imsemmi kuntratt.»*

11. Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza b'rikors tal-10 ta' Novembru, 2023 u talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u ressqet tmien aggravji.

12. Raymond Grima permezz tal-prokuratriċi tiegħu Clemence Spiteri ressaq tweġiba nhar l-10 ta' Diċembru, 2024.

13. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Illi permezz ta' din il-kawża, Raymond Grima qiegħed jitlob il-likwidazzjoni tal-wirt ta' missieru, b'dana li jekk kien hemm xi beni li kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-mejjet Joseph Grima u t-tieni mara tiegħu (il-konvenuta) sat-28 ta' Novembru, 2000 dawn għandhom jinqasmu u jiġu assenjati nofs lilu (suġġett għall-użufrutt tal-konvenuta) u nofs lill-istess konvenuta. Barra minn hekk, talab lill-Ewwel Qorti sabiex tillikwida l-assi ereditarji parafernali ta' missieru.

15. Kif diġà ntqal, il-konvenuta ressqet **tmien aggravji** permezz tar-rikors tal-appell tagħha. Din il-Qorti tqis li l-ewwel sitt aggravji huma b'xi mod marbuta ma' xulxin u għalhekk se jitqiesu f'daqqa.

16. Fl-**ewwel aggravju**, il-konvenuta ssostni li s-sentenza hija nulla għaliex hija kemm *extra petita* u *ultra petita* billi l-ġudizzju ngħata fuq kawżali li ma kinitx tifforma parti mill-mertu u dan bi preġudizzju kbir lejha. B'żieda ma' dan tgħid li l-Ewwel Qorti marret lil hemm minn dak li ntalab għaliex ma ntalbet ebda dikjarazzjoni li l-kuntratt tat-28 ta' Novembru, 2000 ma kienx jiswa.

17. Tfisser li waqt li l-Ewwel Qorti kienet qiegħda tistħarreġ l-eċċezzjoni tagħha, ċjoè n-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur sabiex iressaq il-proċeduri tal-lum, minn jeddha qajmet il-kwistjoni dwar jekk il-kuntratt li permezz tiegħu twaqqfet il-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn Joseph Grima (missier Raymond Grima) kienx simulat jew le. Dan meta l-ebda waħda mill-partijiet ma sostniet dan. Fuq kollox, l-appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti mhux biss qajmet din l-eċċezzjoni minn rajha, iżda saħansitra lanqas avżat jew tat ċans lill-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet dwar dan il-punt.

18. L-appellanti tissokta tgħid li l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku proprju abbażi ta' dan ir-raġunament fallaċi

u għall-konsiderazzjoni gratuwita li l-imsemmi kuntratt kien wieħed simulat. Tisħaq li s-simulazzjoni mhix xi kwistjoni ta' ordni pubbliku li l-Qorti għandha s-setgħa li tqajjem minn jeddha. Tissokta tgħid li meta l-Ewwel Qorti marret *extra petita* u *ultra petita* waslet għal riżultat inġust għall-aħħar. Kemm hu hekk ċaħdet l-eċċezzjoni tagħha fuq kawżali li ma teżistix mingħajr ma tat każ tal-argumenti mressqa minnha. Mhux biss, talli laqgħet it-talbiet attriċi mingħajr ma wettqet ebda konsiderazzjoni oħra dwar il-mertu.

19. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** tagħha, l-appellanti tgħid li mingħajr ħsara għal dak li tenniet qabel, l-Ewwel Qorti ħaddmet għalkollox ħażin l-istitut tas-simulazzjoni.

20. Fl-**<u>aggravju li jmiss</u>**, l-appellanti tgħid, dejjem mingħajr ħsara għall-aggravji ta' qabel, li s-sentenza appellata hija kemxejn stramba billi minkejja li l-Ewwel Qorti stħarrġet biss il-kwistjoni dwar l-eċċezzjoni tal-interess ġuridiku, u għalkemm fil-konsiderazzjonijiet tagħha qalet li kienet qiegħda tiċħad din l-eċċezzjoni, biss però dan ma ġiex rifless fil-parti dispożittiva tas-sentenza. Kemm hu hekk, tgħid li ma hemm l-ebda ċaħda formali tal-eċċezzjoni u lanqas tal-eċċezzjonijiet l-oħrajn. Tissokta tgħid li rigward l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet iżda dawn kienu għalkollox irrelevanti u tgħid li l-eċċezzjoni kellha tintlaqa' u tagħti r-raġunijiet tagħha għal dan.

21. Fir-**<u>raba' aggravju</u>**, l-appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-mertu mingħajr ebda konsiderazzjoni kwalsiasi. Dan billi malli kkonkludiet b'mod ħażin li dik l-eċċezzjoni kellha tiġi miċħuda, l-Ewwel Qorti għaddiet biex awtomatikament laqgħet it-talbiet tal-attur. Fi ftit kliem, l-appellanti qiegħda ssostni li l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-mertu mingħajr motivazzjoni u dan bi ksur tal-**Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Magħdud ma' dan, il-konvenuta tfakkar li n-nuqqas assolut ta' motivazzjoni huwa wkoll ċaħda tad-dritt għall-partijiet fil-kawża li jkollhom smigħ xieraq.

22. B'rabta mal-aggravju ta' qabel, fil-**<u>ħames aggravju</u>**, l-appellanti tgħid li filwaqt li l-Ewwel Qorti naqset li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha fil-mertu, imbagħad fuq ix-xaqliba l-oħra s-sentenza hija mimlija konsiderazzjonijiet irrelevanti. Skontha din hija raġuni oħra għala s-sentenza għandha titħassar u tgħaddi sabiex tfisser liema kienu dawn il-konsiderazzjonijiet, fosthom il-kumment tal-Ewwel Qorti li l-mejjet Joseph Grima seta' ma kienx jaf x'kien qiegħed jagħmel waqt l-iffirmar tal-kuntratt u li huwa ma kien ser ikollu xejn mill-fond matrimonjali minkejja li huwa ċar li l-fond tħallas ukoll biex ma jingħadx esklussivament minn fondi tal-mejjet. L-appellanti tisħaq li ma hemm ebda prova fl-atti li Joseph Grima ma kienx jaf x'inhu jagħmel u l-attur innifsu qatt ma allega li missieru ma kienx jaf x'inhu jagħmel meta ġie ffirmat il-kuntratt. Tgħid li kemm hu hekk, fir-rigward tal-flus użati sabiex inxtara l-fond minn imkien mill-proċess ma

jirriżulta li l-fond tħallas minn flus ta' Joseph Grima. Bil-maqlub ġie ppruvat li l-fondi wżati sabiex jiġi akkwistat il-fond kienu tal-konvenuta u li l-qagħda finanzjarja tagħha kienet waħda tajba ħafna sa minn qabel iżżewġet lil Joseph Grima.

23. Fis-**sitt aggravju** tagħha, l-konvenuta tgħid li l-Ewwel Qorti wettqet għarbiel ħażin tal-fatti u pinġietha bħala giddieba u opportunista meta huwa ċar li dan huwa riżultat ta' qari fqir tal-atti tal-kawża. Tfisser għalfejn l-għarbiel tal-Ewwel Qorti kien ħażin u tagħti r-raġunijiet tagħha fid-dettall.

24. Illi l-attur appellat laqa' għall-ewwel żewġ aggravji billi jgħid li huwa ċar li l-Ewwel Qorti sempliċiment ħadet kont tal-fatti u kulma għamlet huwa analiżi tagħhom sabiex tikkunsidra b'mod profond il-provi prodotti, inkluż ix-xhieda tal-konvenuta. Jissokta jgħid li dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti kien jinkwadra fil-parametri tal-azzjoni u kien meħtieġ li tagħmel dawk il-konsiderazzjonijiet. Jgħaddi mbagħad biex jidħol fid-dettall għalfejn għandu jitqies li huwa għandu interess ġuridiku u dan billi huwa l-eredi universali tal-wirt ta' missieru skont it-testment f'Malta.

25. Għar-rigward tas-simulazzjoni, l-appellat jisħaq li m'hemm l-ebda dubju li fl-għoti tas-sentenza l-Qorti triq toqgħod fil-limiti tal-kontestazzjoni, iżda hija għandha kull dritt li tirrileva *ex officio* kwistjonijiet ta' ordni pubbliku.

26. L-attur jgħid li huwa ma jaqbel xejn mat-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt aggravji. Jisħaq li dejjem ingħad li l-Ewwel Qorti tkun fl-aħjar pożizzjoni li twettaq l-aħjar apprezzament tal-fatti u li tali għarbiel m'għandux jiġi ddisturbat b'mod leġġer mill-Qorti tal-Appell. Fil-każ tal-lum jisħaq li l-Ewwel Qorti xtarret sew ix-xhieda u minn qari tax-xhieda tal-konvenuta jirriżultaw l-istess punti li semmiet l-Ewwel Qorti. Fuq kollox, jisħaq li skont il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna dejjem ġie mtenni li biex jingħad li s-sentenza tiddifetta fil-motivazzjoni tagħha jrid jintwera fl-assjem li jeżisti nuqqas objettiv tal-kriterju li wassal lill-ġudikant għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Dwar l-aggravju tal-konvenuta li m'hemmx ċaħda formali tal-eċċezzjonijiet tagħha, l-attur jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti għalkemm jgħid li huwa ċar li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi kollha u b'hekk ma hemmx dubju li l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta ġew miċħuda.

27. Ngħaddu għalhekk sabiex jibdew jitqiesu l-aggravji tal-konvenuta. L-appellanti tibda billi tgħid li s-sentenza appellata hija nulla għaliex l-Ewwel Qorti marret *ultra petita* u *extra petita*, kif ukoll qajmet minn jeddha eċċezzjoni li l-kuntratt tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti kien simulat.

28. Qabelxejn huwa ta' siwi li fil-qosor jingħad li permezz tal-kawża tal-lum, l-attur qiegħed jitlob li bħala werriet universali ta' missieru, il-Qorti għandha tillikwida l-assi li kienu jappartjenu lil missieru u lill-konvenuta

sad-data li kienet fis-seħħ il-komunjoni tal-akkwisti, liema komunjoni twaqqfet permezz ta' kuntratt pubbliku tat-28 ta' Novembru, 2000. Talab ukoll il-likwidazzjoni tal-assi parafernali tal-missier.

29. L-attur fl-ebda waqt ma xeħet xi dubji jew xi allegazzjonijiet jew ressaq xi talba dwar is-siwi tal-kuntratt tat-28 ta' Novembru, 2000. Lanqas l-istess konvenuta m'għamlet dan. L-Ewwel Qorti però dehrilha meta bdiet tistħarreġ l-eċċezzjoni tal-konvenuta li l-attur m'għandux interess ġuridiku sabiex iressaq il-proċeduri tal-lum, li dak li kien iħoll u jorbot kien dan il-kuntratt u fil-fehma tagħha sabet li kien kuntratt simulat. Dan wara li rreferiet għal xhieda u provi partikolarment ix-xhieda tal-konvenuta. L-Ewwel Qorti fl-ebda ħin ma ġabet għall-attenzjoni tal-partijiet li hija kellha dan id-dubju dwar il-kuntratt, aħseb u ara kemm ingħataw iċ-ċans li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom jew provi dwar l-istess.

30. Illi hekk kif ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet ***Charmaine Mifsud et v. Godfrey Debattista*** maqtugħa fil-5 ta' Diċembru, 2024, is-sistema ġudizzjarja tagħna hija msejsa fuq dik avversarja u mhux inkwiżitorjali u minħabba f'hekk huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-Qorti m'għandhiex tqajjem eċċezzjonijiet minn rajha sakemm mhux dawk imsemmija fil-liġi jew inkella fuq xi konsiderazzjonjiet serji ta' ordni pubbliku. Dan billi fis-sistema avversarja, il-ġudikant għandu fil-prinċipju jiddeċiedi l-kawża fuq il-binarji tal-kontestazzjoni hekk kif

imressqa mill-partijiet (ara ***Uffiċjal Mediku Ewlieni v. Maria Carmela Attard*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-17 ta' Frar, 2021 u s-sentenzi hemmhekk imsemmija).

31. Sfiq ma' dan, ġie mtenni minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2024 fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Attard et v. Awtorità għat-Trasport f'Malta***, li huwa prinċipju fundamentali tal-ordinamenti proċesswali moderni, inkluż dak Malti, li l-inizjattiva proċesswali hija mħollija f'idejn il partijiet. Għalhekk il-Qorti la tressaq talbiet hi u lanqas tipprovdi għad difiża tagħhom. Il-ballun qiegħed f'saqajn l-attur u l-konvenut. Il-Qorti ma tistax tmur lil hinn mill-parametri tal-kontroversja hekk kif posti mill partijiet. Tista' biss tqajjem dawk l-eċċezzjonijiet limitati li jistgħu jitqanqlu *ex officio*. U anke meta tagħmel hekk, il-liġi (**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**) teżiġi li qabel tiddeċiedi, l-Qorti għandha tavża lill-partijiet bl-eċċezzjoni li tkun qiegħda tqanqal hi stess sabiex ikunu f'qagħda li jirregolaw il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom dwarha.

32. Tfisser ukoll minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Novembru, 2024 fl-ismijiet ***MGM Properties Limited v. David Muscat***, li jgħodd f'dan is-sens l-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li jaqra hekk:

*«Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, fil-każijiet fejn il-*

*liġi tippermetti lill-Qorti li ex officio tagħti eċċezzjoni mingħajr ma tagħti dik l-eċċezzjoni qabel ma l-kawża titħalla għas-sentenza, mingħajr ma tippermetti lill-partijiet li jieħdu konjizzjoni ta' dik l-eċċezzjoni qabel ma tingħata s-sentenza, u mingħajr ma l-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu provi jew jagħmlu sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni, il-Qorti m'għandhiex tagħti dik l-eċċezzjoni fis-sentenza tagħha iżda għandha tagħti dik l-eċċezzjoni fil-Qorti bil-miftuħ jew permezz ta' digriet in camera u l-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu provi u jagħmlu sottomissjonijiet verbali dwar l-eċċezzjoni qabel ma tingħata s-sentenza dwar l-eċċezzjoni mogħtija mill-Qorti.»*

33. Kompliet billi rreferiet għas-sentenza tagħha tat-18 ta' Jannar, 2024 fl-ismijiet ***Carmela sive Carmen Tabone proprio et nomine et v. Francis Theuma*** li:

*«is-setgħa tal-Qorti li tqajjem eċċezzjonijiet ex officio hija mogħtija lilha mill-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li fih hemm imfisser li l-Qorti ma tistax tuża din is-setgħa tagħha mingħajr ma tagħti żmien lill-partijiet biex jipproduċu provi u jagħmlu sottomissjonijiet verbali dwar l-eċċezzjonijiet hekk imqajma qabel tingħata sentenza dwarhom. L-għan wara dan l-artikolu tal-liġi huwa li jiġi evitat li jingħataw sorpriżi lill-partijiet u li jiġi żgurat smigħ xieraq lill-partijiet billi dawn jingħataw il-waqt li jiddefendu ruħhom.»*

34. Meta nduru għall-każ tagħna, din il-Qorti tqis li aktar milli kwistjoni ta' *ultra petita* jew *extra petita*, l-ewwel mistoqsija li trid titqies hija jekk l-Ewwel Qorti setgħetx minn jeddha tqajjem il-kwistjoni dwar is-siwi tal-kuntratt imsemmi meta ħadd mill-partijiet ma' xeħet dubju dwar l-istess. Kuntrarjament għal dak li jgħid l-attur din il-konsiderazzjoni ma kinitx taqa' fil-parametri tal-azzjoni attriċi. Anzi proprju bil-maqlub ladarba l-ebda parti m'attakkat dak il-kuntratt. Dan huwa fl-aħħar mill-aħħar in-norma. Kemm hu hekk, intqal li huwa assodat fil-ġurisprudenza tagħna li kull ftehim għandu favur tiegħu l-preżunżjoni tas-sinċerità u tar-realtà (ara Appell Ċivili fl-ismijiet ***Carmelo Cini v. Alfred Zammit*** [1986] Vol.70.II.204). Is-

simulazzjoni hi forma ta' frodi, u min jallegaha għandu jġib provi perswassivi u konkludenti. Il-prova tista' ssir b'kull mod permess mil-liġi anke minn xhieda; iżda dan il-prinċipju għandu jiġi applikat b'rigur akbar meta jiġi impunjat att pubbliku minħabba l-fiduċja akbar li tvesti fih il-liġi. Is-simulazzjoni għandha fiha nfisha tiġi meħuda bl-akbar ċirkospezzjoni meta l-azzjoni tiġi proposta wara l-mewt tal-parti li allegatament ried l-att simulat, għax f'dan il-każ ma tkunx tista' tiġi kontrollata kif imiss (ara PS ***Luigi Spiteri Debono v. Joseph Spiteri*** Debono **Vol.XXXVII.II.79**, il-każistika hemm ċitata, u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2013 fl-ismijiet ***Angelina sive Lina Schembri v. Francis Schembri***).

35. Huwa magħruf li s-simulazzjoni sseħħ meta l-partijiet joħolqu kuntratt li, kif ikun jidher, ma jkunx jirrifletti dak li jkunu tabilħaqq ftiehmu bejniethom. Is-simulazzjoni hija waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi u d-duttrina bħala waħda li tolqot il-vizzju tal-kunsens tal-partijiet li jkunu resqu fuq ftehim. Is-simulazzjoni ġġib bejn il-partijiet, fiċ-ċirkostanzi xierqa, in-nullità tal-ftehim li jkun sar. F'każ bħal dan, il-kwistjoni tan-nuqqas ta' siwi ta' ftehim magħmul b'dak il-mod tista' titqajjem mhux biss per *via di azione* iżda wkoll *ope exceptionem* (ara, b'eżempju, P.A. JA 30.1.2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Hugh Peralta noe v. Credinvest International Corporate Finanace Ltd*** (sentenza *in parte* mhix appellata) u dan b'ħarsien tar-regola li l-eċċezzjoni tan-nullità tista'

tingħata f'kull żmien minn min ikun imħarrek għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, fil-każijiet kollha li fihom hu nnifsu seta' jmexxi għat-tħassir tal-kuntratt (**Artikolu 1226(1) tal-Kodiċi Ċivili**) (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Diċembru, 2017 fl-ismijiet ***Annot Company Limited v. Roberto Carlos Calleja***).

36. L-Ewwel Qorti donnha nsiet ukoll li qabel ma ġie ppubblikat il-kuntratt tat-28 ta' Novembru, 2000 sabiex titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-miżżewġin Grima, b'riħet l-**Artikolu 1317 tal-Kodiċi Ċivili** kellha wkoll tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Volontarja). Kif fil-fatt sar anke f'dak il-każ.

37. Ċertament li s-siwi ta' dan il-kuntratt ma kinitx kwistjoni ta' ordni pubbliku u jiġi b'hekk li l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda jedd li tqajjimha u tistħarriġha minn jeddha. Għalhekk m'hemmx dubju li l-appellanti għandha raġun f'dan l-aggravju. Ġaladarba din il-Qorti qiegħda ssib li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tqajjem minn jeddha din l-eċċezzjoni, m'hemmx il-ħtieġa li jiġi mistħarreġ ukoll it-tieni aggravju fejn l-appellanti saħqet li l-Ewwel Qorti ħaddmet ħażin l-istitut tas-simulazzjoni għall-fatti u provi li kellha quddiemha. Għaldaqstant se tastjeni minn dan l-aggravju.

38. Illi sew tgħid l-appellanti fit-tielet aggravju tagħha li l-Ewwel Qorti fil-parti dispożittiva tas-sentenza ma ċaħditx formalment l-ebda

eċċezzjoni tagħha. Għalkemm huwa ovvju li permezz tas-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti ġiet li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-istess konvenuta. L-appellanti ssostni wkoll li s-sentenza tal-Ewwel Qorti għalkemm laqgħet it-talbiet attriċi, biss però ma kkunsidratx il-mertu u jiġi b'hekk li s-sentenza għandha titħassar ukoll għaliex mhux motivata.

39. Il-liġi tagħmilha ċara li biex tista' tintlaqa' s-sejħa ta' nullità ta' sentenza jeħtieġ li min jallega dan juri li sentenza bħal dik kienet imsejsa fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq in-nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq l-illeġittimità tal-persuna jew li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti tkun iddeċidiet fuq ħwejjeġ li ma ntalbux (*extra petita*) jew dwar aktar minn dak li ntalab (*ultra petita*) jew li tkun milquta minn kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq (**Artikolu 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Minkejja dan, u b'ħarsien tal-prinċipju li sa fejn jista' jkun sentenza m'għandhiex titħassar b'mod leġġer u b'ħeffa jekk kemm-il darba tista' tkun salvata (Appell Ċivili tas-7 ta' Ottubru, 1991 fil-kawża fl-ismijiet ***John Mallia v. Manager Water Works Department***), l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ma tintlaqax jekk jintwera li ma tirriżultax xi waħda miċ-ċirkostanzi li ssemmew qabel u jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha.

40. Fost l-elementi li s-sentenzi għandu jkollhom għas-siwi tagħhom, il-liġi ssemmi li l-parti operattiva ta' sentenza għandha tinkludi t-talbiet jew

l-eċċezzjonijiet li jkunu maqtugħa u kull dikjarazzjoni maħsuba biex tkun konklussiva jew li torbot (**Artikoli 23** u **219 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Minbarra dan, il-liġi titlob ukoll li kull sentenza tagħti r-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha u ssemmi wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut (**Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Il-ħtieġa ta' motivazzjoni xierqa f'sentenza tqieset dejjem bħala element kostituttiv ewlieni biex jiddetermina s-siwi ta' sentenza jew provvediment, għaliex dan mhux biss issejjes il-parti dispożittiva tagħha, imma jfisser lill-partijiet kif u għaliex il-Qorti tkun waslet għal dik id-deċiżjoni. Dan l-element tal-motivazzjoni jew raġuni f'sentenza jassumi l-qawwa ta' prinċipju tal-ġustizzja naturali wkoll. Il-motivazzjoni f'sentenza ma titlobx li l-Qorti li tkun toqgħod issemmi b'reqqa kull sottomissjoni jew kull prova li tkun tressqet quddiemha, iżda jkun biżżejjed li r-raġunament magħmul minn dik il-Qorti jwassal biex jorbtu ma' dak li jkun intalab u dak li jkun deċiż (ara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri fil-kawża fl-ismijiet ***Charmaine Camilleri v. Eugenio Abdilla et*** deċiża fit-12 ta' Jannar, 2005) u sakemm il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti fis-sentenza tagħha ma jkunx kontradittorju mal-kunsiderazzjonijiet li tkun għamlet (ara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) deċiża fit-28 ta' April, 2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Agricultural Co-Operative Ltd. v. Peter Axisa***; u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Diċembru, 2018 fl-ismijiet

***Raymond Bartolo et proprio et nomine v. Franck Cachia proprio et nomine***).

41. Dan l-insenjament ġie wkoll rifless fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Marzu, 2020 fl-ismijiet ***Olven Mangion nomine v. Andreas Gerdes***, fejn tfisser li jista' jirriżulta li s-sentenza hija waħda li minnha jinstiltu sew r-raġunijiet li fuqhom dik il-Qorti kienet qiegħda tibbaża d-deċiżjoni tagħha, kif jitlob l-**Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Huwa paċifiku li l-pronunċja tal-Qorti fuq talba jew eċċezzjoni partikolari tista' tkun impliċita – ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-27 ta' Ġunju, 2014, fil-kawża fl-ismijiet: ***Lloyds (Malta) Limited et v. Air Malta plc***, fejn saret referenza għall-kawża deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-4 ta' Ġunju 1946 (Kollezz. Volume 32D (1946), Part No. 2, Section, Page 370) fejn intqal is-segwenti:

> «*Il-pronunċja tal-Qorti fuq talba, jew-meta l-liġi ma tirrikjedix diversament-fuq eċċezzjoni proposta, tista' tkun impliċita. U dan jiġri meta din il-pronunċja tkun konsegwenza neċessarja tal-pronunċja espressa. F'dan il-każ ikun biżżejjed li mill-parti razzjonali tas-sentenza jkun jidher li tkun ġiet meħuda inkonsiderazzjoni t-talba jew l-eċċezzjoni, impliċita milqugħa jew miċħuda, ossia li jkun inżamm kont tagħhom, sabiex ma jkunx hemm vjolazzjoni tad-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li s-sentenza għandha qabel xejn ikun fiha r-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat il-pronunċja tagħha*.»

42. Meta ngħaddu għall-każ tagħna jirriżulta li l-Ewwel Qorti mhux biss qajmet minn jeddha eċċezzjoni bla bżonn u bla jedd, iżda din l-istess eċċezzjoni lanqas kienet rilevanti għall-kwistjoni tal-interess ġuridiku.

Meta mbagħad ġiet biex tiddeċiedi l-mertu, il-motivazzjoni li tat sabiex tilqa' t-talbiet kienet b'referenza għall-kuntratt tal-komunjoni tal-akkwisti, li sabet li kien simulat u li billi ma jeżistix kellha tapplika l-liġi. Imbagħad ikkonkludiet ukoll mingħajr ma fissret għalfejn kienet qiegħda tasal għal dik il-konklużjoni, li l-fond matrimonjali li nxtara fuq isem il-konvenuta, kien inxtara minn fondi esklussivament tal-konvenuta u li żewġha x'aktarx ma kienx jaf x'kien qiegħed jiġri.

43. Bla tlaqliq ta' xejn, din il-Qorti jidhrilha li l-kawżi ma jistgħux jiġu deċiżi b'dan il-mod. Meta jitqies il-volum ta' provi u x-xhieda li tressqu mill-partijiet, l-Ewwel Qorti kull m'għamlet kien li għamlet sommarju tax-xhieda ta' wħud, mingħajr ma għarblet sew il-provi li kellha fl-atti. Din il-kawża, apparti l-kwistjoni tal-effetti legali li seta' kellu l-kuntratt li permezz tiegħu twaqqfet il-komunjoni tal-akkwisti, kellha tkun waħda fejn jiġu analizzati l-provi biex wieħed jistħarreġ iċ-ċaqliq tal-flus u investimenti jekk kien hemm. Magħdud ma' dan, kellu jitwettaq sew l-għarbiel tax-xhieda fid-dawl tad-dokumentazzjoni mressqa. L-Ewwel Qorti m'għamlet xejn minn dan. Mhux biss, saħansitra lanqas qieset l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u l-argumenti li tressqu minnha sabiex issejjes id-difiża tagħha. Ladarba qieset li l-attur kellu interess ġuridiku kellha tindika, jekk hekk kien se jirriżulta, fiex kienet tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti, jekk kienx hemm assi parafernali jew flejjes parafernali li setgħu ntużaw għall-benefiċċju tal-konvenuta kif allegat jew kienx hemm assi f'idejn terzi. M'hemm l-ebda

dubju li s-sentenza mhix ġusta fis-sustanza tagħha u għalhekk huwa xieraq li titħassar.

44. Ngħaddu issa sabiex titqies l-eċċezzjoni tal-konvenuta li l-attur m'għandux interess ġuridiku.

45. Il-Qorti tqis li l-interess ġuridiku huwa l-miżura u l-bażi tal-azzjoni. Ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess ġuridiku. L-attur f'kawża irid ikollu interess li jmexxi bl-azzjoni u jikseb l-ilqugħ tagħha. Dan l-interess irid ikun wieħed dirett, leġittimu u attwali. Biex persuna tressaq talba f'kawża u żżommha ħajja, din it-talba teħtieġ li tkun iġġibilha riżultat siewi u utli. Tassew, jekk l-azzjoni ma tistax twassal għal riżultat bħal dan għal min iressaqha, dik l-azzjoni ma tistax tirnexxi (ara ***Robert Butler v. Lt. Col. John Philip d'Estoteville Shipwith*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Marzu, 1964, ***Joseph Agius v. Vincent Ellul*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ottubru, 2002 u ***Henry Tabone v. Hilda Demajo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-3 ta' Novembru, 2004).

46. Ma hemmx dubju li l-Qrati huma aċċessibbli għal kulħadd, iżda huwa magħruf ukoll li min iressaq talba quddiem il-Qrati jrid juri li huwa għandu dritt li ġie lilu miksur u li hu jrid li dak id-dritt jerġa' jiġi mogħti lilu mill-konvenut (ara ***Salvu Mintoff & Sons Ltd v. Road Construction Ltd***

***et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Diċembru, 2005; u ***Tas-Sold Construction Limited et v. Adrian Grech et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell deċiża fil-15 ta' Ġunju, 2023).

47. Sfiq ma' dan, jingħad li fl-ordinament ġuridiku Malti jidher ċar illi għalkemm huwa essenzjali li jkun hemm l-interess ġuridiku meta proċedura tiġi proposta, jeħtieġ illi dan l-interess jinżamm ħaj matul id-durata ta' dik l-istess proċedura, b'dan illi jekk minħabba xi ċirkostanza li tavvera ruħha waqt il-mori tal-proċedura dik il-proċedura ma tkunx tista' tagħti riżultat vantaġġuż lil min ikun ressaqha, allura jkun jista' jingħad li l-azzjoni ma tibqax iżjed vijabbli. Kif intqal min din il-Qorti fil-kawża ***Amato Gauci v. Zammit*** deċiża fid-19 ta' Mejju, 2014:

> *«Jekk l-azzjoni ma tkunx kapaċi twassal għal tali riżultat utli għal min jipproponiha minħabba fatt sopravvenut għall-istituzzjoni tal-kawża li jeżawrixxi jew jestingwi l-interess, dik l-azzjoni ma tistax treġi«*

(Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Jannar, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Zeynep Buhagiar v. Id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati et;*** dik tal-5 ta' Ottubru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Avv. Nicholas Valenzia nomine v. Hermes Aviation Limited;*** kif ukoll dik tas-7 ta' Diċembru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Scicluna et v. Bank of Valletta plc et****).*

48. Il-konvenuta tfisser l-eċċezzjoni tagħha billi tirreferi għat-testment ta' Joseph Grima tat-12 ta' Marzu, 2001, li permezz tiegħu ħalla lill-attur

bħala eredi universali tal-assi tiegħu kollha li jinsabu ġewwa Malta fid-data tal-mewt tiegħu u lill-martu l-konvenuta *«the use and usufruct of all his property in ġeneral present and future existing in Malta at the time of the death of the predeceased of them exempting her from the obligation of drawing the inventory and goving warranty according to law.»* Tgħid li ladarba l-attur aċċetta l-wirt ma jistax issa jitlobha dak li l-istess testment eżentaha milli tagħmel. Tissokta tgħid li bħala eredi ta' missieru, l-attur ma jistax iwarrab il-kuntratt li permezz tiegħu twaqqfet il-komunjoni tal-akkwisti tat-28 ta' Novembru, 2000. Tissokta tgħid li f'dan il-kuntratt tniżżel li l-akkwisti magħmulin minnhom f'ismu jew f'isimha proprju għandhom jitqiesu li huma tiegħu jew tagħha, hekk ukoll id-djun. Jiġi b'hekk skontha, li l-attur bħala werriet ta' missieru, huwa marbut b'dan il-kuntratt. Il-konsegwenza ta' dan hija li ma jistax jissindika jekk l-assi li jinsabu f'isimha kinux tagħha personali jew le. B'żieda ma' dan, tgħid li fil-kuntratt tat-28 ta' Novembru, 2000, il-miżżewġin Grima eżentaw impliċitament lil xulxin mill-obbligu li jagħtu rendikont meta ftehmu li ma kinux qegħdin jillikwidaw il-komunjoni. Tgħid li bla ħsara għal dak li hija ssottomettiet, kull parti ħadet sehemha u ma fadal xejn miżmum b'mod komuni ħlief għal xi ftit mobbli li hija kienet diġà offriet lill-attur.

49. Din il-Qorti jidhrilha li l-konsegwenzi legali tal-kuntratt tat-28 ta' Novembru, 2000 u x'interpretazzjoni għandu jingħata (jekk ikun il-każ) ma għandhomx jiġu mistħarrġa fil-mument li qiegħda tiġi trattata l-eċċezzjoni

taħt eżami. Dak li huwa rilevanti f'dan l-istadju għall-fini ta' din l-eċċezzjoni huwa l-fatt inkontestat li, skont it-testment tat-12 ta' Marzu, 2011, l-attur huwa l-werriet universali ta' missieru għall-ġid kollu (mobbli u mmobbli) li kellu f'Malta fil-mument tal-mewt tiegħu. Dan l-istat ta' fatt waħdu huwa biżżejjed biex jirradika l-interess ġuridiku fl-attur għat-talbiet imressqa minnu. Fl-aħħar mill-aħħar, fiex kienet tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti u jekk kienx hemm assi parafernali jiddependu fuq ir-riżultanzi tal-provi meħud ukoll inkonsiderazzjoni l-argumenti li qiegħda tressaq il-konvenuta dwar il-kuntratt tat-28 ta' Novembru, 2000. Fuq kollox, mal-istess kuntratt ma ġie mehmuż l-ebda dokument li fih tniżżlu liema kienu l-assi tal-komunjoni u liema kienu parafernali għal kull. Anzi ġie dikjarat mill-partijiet li ma kinux qegħdin jillikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti sa dakinhar eżistenti billi stqarru li l-kuntratti ma kellu b'ebda mod jippreġudika l-akkwisti magħmula u d-djun assunti minnhom sa dakinhar.

50. Barra minn hekk, fid-data tal-mewt ta' Joseph Grima, il-komunjoni tal-akkwisti kienet twaqqfet u jiġi b'hekk li seta' kellu flejjes tiegħu jew assi oħra wara l-waqfien tal-istess komunjoni. Naturalment skont it-testment tiegħu, il-konvenuta għandha l-użu u l-użufrutt ta' dak li kien ta' żewġha sad-data tal-mewt tagħha.

51. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-konvenuta qiegħda tiġi miċħuda.

52. Fl-aħħar nett, din il-Qorti tqis li l-attur kien qiegħed jaqbel f'parti mas-**seba' aggravju** u mat-**tmien aggravju** li ressqet il-konvenuta. Permezz tas-seba' aggravju, l-appellanti lmentat dwar il-ħatra ta' Perit komputist għaliex l-Ewwel Qorti fl-ebda ħin ma tat xi gwida ta' fiex għandha titqies li tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti jew fiex għandhom jikkonsistu l-beni parafernali tal-mejjet Joseph Grima. Tgħid li l-Ewwel Qorti abdikat għalkollox mid-dover li tagħmel dik il-likwidazzjoni billi ħatret Perit komputista sabiex jillikwida u jaqsam l-assi hu. B'hekk il-partijiet spiċċaw f'sitwazzjoni fejn ma jistgħux ikunu jafu x'se tkun il-konsistenza tal-assi tal-mejjet qabel ma jkollhom ir-rapport tal-perit komputist f'idejhom, u ma jistgħux ikunu jafu x'ġie assenjat lil kull wieħed minnhom bis-sentenza. L-appellanti tisħaq li jekk il-Qorti dehrilha li kellha bżonn l-għajnuna ta' perit komputist messha ħatritu waqt li s-smigħ tal-proċeduri u b'hekk il-partijiet ikunu ngħataw iċ-ċans li jagħmlu wkoll l-eskussjoni meħtieġa. Mod ieħor, l-Ewwel Qorti setgħet ukoll iddeterminat hija liema kienu l-assi li kienet qiegħda tikkunsidra li għandhom jiġu diviżi imbagħad tħalli l-komputazzjoni f'idejn il-perit komputist.

53. Permezz tat-tmien aggravju mbagħad il-konvenuta tgħid li l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll meta laqgħet ir-raba' talba meta ddikjarat li l-assi parafernali tal-mejjet għandhom ukoll jinqasmu b'mod ugwali bejn il-kontendenti, u bħal donnha nsiet li l-aħħar rieda tat-testatur kienet li l-attur ikun il-werriet tiegħu soġġett għall-użufrutt tagħha.

54. Kif diġà rajna, din il-Qorti sejra tħassar is-sentenza appellata u dawn iż-żewġ aggravji qegħdin jissemmew għall-kompletezza u għaliex hemm kwistjoni ta' importanza li jkun aħjar li tiġi ċċarata għal dik li hija ħatra ta' espert.

55. Tibda biex tqis li l-Qorti ma għandha l-ebda obbligu li tappunta espert u li kif ġie meqjus fil-kawża fl-ismijiet ***Rennie (Redeemer) Abela v. Moira (Maria) Abela ġia Camilleri sive Moira (Maria) Abela Camilleri***, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar id-9 ta' Novembru 2023, il-ħatra ta' espert hi materja fakoltativa u mhux mandatorja (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta' Jannar, 2025 fil-kawża fl-ismijiet ***Rosina Cassar et v. Philip sive Pinu Azzopardi***).

56. Il-ħatra ta' perit hija maħsuba sabiex is-sejbiet tiegħu jintużaw bħala mezz ta' prova (ara **Artikolu 644 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Il-liġi tħalli f'idejn il-Qorti biex fid-digriet tagħha tfisser l-iskop tal-perizja u tagħti d-direzzjonijiet sabiex l-istess perit jagħraf jimxi fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu (ara **Artikolu 645 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u ***Carmelo sive Charles Galea v. Albert Mizzi et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit2-3 ta' April, 2001). Kif tajjeb ġie mwissi mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Carmen Gauci et v. John Camilleri*** deċiża fil-11 ta' Marzu 2016, mhuwiex ideali li d-digriet tal-ħatra tal-perit ġudizzjarju jingħata, «*biex jirrelata dwar it-talba attriċi.*»

Mod ieħor, huwa aħjar li d-digriet tal-ħatra jfisser eżatt il-mistoqsijiet li għalihom għandu jwieġeb il-perit u x-xhieda li huwa awtorizzat illi jiġbor. (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta' April, 2024 fil-kawża ***George Felice et v. Keith Attard Portughes et***).

57. Tajjeb illi jingħad ukoll li l-konsulenza teknika ta' espert isservi mhux biss bħala mezz ta' prova li hija disponibbli għall-partijiet iżda sservi wkoll bħala mezz biex jgħin lill-ġudikant jaqta' kwistjonijiet diffiċli dwar punti tekniċi li fuqhom huwa jkollux dehen (ara ***Geswalda Saliba v. Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-9 ta' Settembru, 2008). Kemm hu hekk skont l-**Artikolu 644 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-Qorti tista' taħtar espert minn jeddha. Wara kollox, ħadd m'għandu jaħseb, li meta każ irid jitressaq quddiem Qorti għad-deċiżjoni tagħha, dan ikun għaliex il-Qorti taf kollox jew għax tifhem f'kollox. Huma bosta ċ-ċirkostanzi fejn każ li jitressaq quddiem Qorti jkun ta' materja tant teknika jew speċjalizzata li jkun meħtieġ għall-Qorti li taħtar u ddur fuq nies imħarrġa u midħla tal kwistjoni biex jgħinuha. (ara ***Rennie (Redeemer) Abela v. Moira (Maria) Abela ġia Camilleri sive Moira (Maria) Abela Camilleri*** maqtugħa fid-9 ta' Novembru, 2023).

58. Miżmum dan ma jridx jintesa li l-**Artikolu 673 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jipprovdi li l-partijiet għandhom jingħataw żmien biex jeżaminaw ir-rapport u biex jagħmlu l-

osservazzjonijiet tagħhom fuqu jekk dan ikun mitlub mill-partijiet.

59. Fid-dawl ta' dan it-tagħlim ġurisprudenzjali u l-liġi nnifisha, din il-Qorti tinsab perplessa kif l-Ewwel Qorti qabbdet u ħatret espert komputista fl-għoti tas-sentenza tagħha u jista' jingħad li tat lilu l-poter li jiddeċiedi liema huma dawk l-assi tal-komunjoni u dawk parafernali u saħansitra jassenjahom huwa u dan mingħajr ebda gwida ta' x'kienu dawn l-assi. Fuq kollox, dan kollu mingħajr ebda dritt lill-partijiet li jeskutuh u li eventwalment jappellaw. L-Ewwel Qorti b'daqqa ta' pinna abdikat mid-doveri tagħha u ċaħdet lill-partijiet milli jkunu jistgħu jeżaminaw u jeskutu r-rapport u kif ukoll tneħħilhom id-dritt li jitolbu għall-ħatra ta' Periti perizjuri.

60. Din il-Qorti se tieqaf hawn u se tħalli f'idejn l-Ewwel Qorti li se tkun qiegħda tiddeċiedi l-mertu li tqis hija jekk hemmx il-ħtieġa ta' ħatra ta' perit komputist u dan wara li tqis ukoll dak li jistipulaw ir-**Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u Bon Ordni** fis-**subinċiż (1) tar-regolament numru 12** li:

> *«In-nomina ta' periti [ġudizzjarji għandha tkun ristretta għal każijiet speċjali u partikolari fejn tassew tkun meħtieġa billi l-każ ikun jirrikjedi konoxxenza speċjalizzata f'qasam partikolari tal-liġi. Kull meta għandha ssir nomina bħal din, il-Qorti għandha tindika b'mod ċar u preċiż fid-digriet tagħha r-raġunijiet u l-ġustifikazzjoni għal dik in-nomina.»*

61. Fl-aħħar nett dwar l-ispejjeż ta' din il-proċedura, il-Qorti tara li huwa xieraq li timxi fuq il-prinċipju ta' *error iudicis error partis*. Ladarba dan l-

appell ġie xprunat minħabba l-mod ħażin kif imxiet l-Ewwel Qorti, huwa xieraq li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta ma' dan l-appell.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti filwaqt li qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u sitt aggravji, qiegħda **tilqa'** l-appell u b'hekk qiegħda tħassar is-sentenza appellata, b'dan illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta qiegħda tiġi miċħuda.

Il-Qorti għalhekk qiegħda tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti, kif diversament impoġġija, sabiex il-kawża tissokta.

L-ispejjeż ta' quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu riżervati għal meta din tagħti s-sentenza finali tagħha, filwaqt li kull parti għandha terfa' l-ispejjeż tagħha marbuta ma' dan l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Grazio Mercieca<br>Aġent President | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb